# Ir-relikwija ta' San Pawl fil-Gudja 1 - 4 ta' Jannar 1959




Is-sena 1959 li kienet is-sena ta' preparazzjoni spiritwali fl-okkażjoni taċ-ċentinarju ta' San Pawl li kien iċċelebrat fis-sena 1960, kienet ġiet inawgurata fl-ewwel ta' Jannar meta id-Driegħ ta' San Pawl kienet meħudha mill-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl tal-belt Valletta sad-daħla tar-raħal tal-Gudja (ħdejn il-knisja ta' Santa Katerina). Hija kienet ittieħdet fir-raħal tal-Gudja f'karrozza misjuqa mis-Sur Alfred Zahra, w akkumpanjata minn zewġ kanoniċi tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt. Din ir-relikwija ġiet milqugħa mill-kappilan ta' din il-parroċċa Dun Pawl Farrugia flimkien mal-kleru ta' l-istess raħal. Hija ġiet meħudha proċessjonalment lejn il-parroċċa fejn damet sa l-4 ta' Jannar għall venerazzjoni tal-parruċċani. Għall din l-attivita' kien sar ukoll Tridu fuq il-virtujiet tal-fidi kif ukoll konferenzi fuq il-ħajja ta' San Pawl. Wara l-Gudja, bejn l-4 u l-11 ta' Jannar 1959 r-relikwija ta' San Pawl kienet għall qima tal-pubbliku ġewwa l-parroċċa tal-Kalkara.

## Kummissjoni Driegħ San Pawl

Il-"Kummissjoni Driegħ San Pawl'' li l-president tagħha kien il-Kanonku Vincenz Azzopardi, kienet fasslet linji ta' programm kull fejn tmur id-Driegħ. Dan kien jikkonsisti li jsir Tridu fuq il-veritajiet tal-Fidi, konferenzi fiċ-ċirkoli fuq il-Ħajja ta' San Pawl u purċissjoni bir-relikwija.

## Tingħata indulġenza Plenarja fl-okkażjoni taż-żjara tad-driegħ.

B'konessjoni maż-żjara tad-Driegħ ta' San Pawl fid-diversi inħawi ta' Malta u Għawdex, il-Papa Ġwanni XX111 ta' dawn l-indulġenzi li ġejjin għal matul il-perjodu li ddum sa l-24 ta' Jannar ta' l-1960 fl-okkażjoni tas-sena preparatorja spiritwali għaċ-ċentinarju.

Indulġenza Plenarja (darba biss) tintrebaħ minn dawk kollha li jżuru r-relikwija li tkun esposta għall qima tal-fidili f'xi parroċċa ta' Malta u Għawdex.

Indulġenza Plenarja (darba biss) tintrebaħ minn dawk kollha li bid-devozzjoni jieħdu sehem fil-funzjonijiet matul tridu jew novena f'dawk il-knejjes kollha fejn tkun ir-relikwija.

Indulġenza Plenarja tinrebaħ ukoll minn dawk kollha li jieħdu ssehem f'pelligrinaġġ għar-relikwija f'kull knisja li tkun matul il-perjodu ta' tħejjija spiritwali.

Dawn l-indulġenzi setaw jinqalgħu minn dawk li kienu jqerru u jitqarbnu u jitolbu skond il-fehma tal-Papa.